IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

DIRETTORAT TAR-RIĊERKA
U DOKUMENTAZZJONI

# Dokument tematiku

## IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-KARTA TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") huwa ddefinit fl-Artikolu 51 tagħha, li jipprovdi:

"1. Id-dispożizzjonijiet [tal-]Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni. Huma għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom, skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi ta' l-Unjoni kif mogħtija lilha fit-Trattati.

2. Il-Karta ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi ta' l-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi ta' l-Unjoni jew ma tistabbilixxi ebda setgħa jew kompitu ġdid għall-Unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi u l-kompiti definiti fit-Trattati."

Fir-rigward tal-atti tad-dritt tal-Unjoni, fil-ġurisprudenza tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja wettqet stħarriġ fid-dawl tad-drittijiet fundamentali dwar il-validità ta' ċerti atti tad-dritt sekondarju [1] u speċifikat li atti, bħalma huma r-regolamenti u d-direttivi tad-dritt tal-Unjoni, għandhom

[1] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-8 ta' April 2014, Digital Rights Ireland *et* (C-293/12 u C-594/12, EU:C:2014:238, punt 69); tal-15 ta' Frar 2016, N. (C-601/15 PPU, EU:C:2016:84, punt 82); tal-21 ta' Diċembru 2016, Associazione Italia Nostra Onlus (C-444/15, EU:C:2016:978, punti 63 u 64); tal-5 ta' Lulju 2017, Fries (C-190/16, EU:C:2017:513, punt 80); tad-29 ta' Mejju 2018, Liga van Moskeeën en Islamitische Organisaties Provincie Antwerpen *et* (C-426/16, EU:C:2018:335, punti 80 u 84); tal-14 ta' Mejju 2019, M *et* (Revoka tal-istatus ta' refuġjat) (C-391/16, C-77/17 u C-78/17, EU:C:2019:403, punt 112); u tas-16 ta' Lulju 2020, Facebook Ireland u Schrems (C-311/18, EU:C:2020:559, punti 149 u 199).

neċessarjament jiġu interpretati fid-dawl tad-drittijiet fundamentali [2]. Bl-istess mod, l-Unjoni ma tistax tikkonkludi ftehim internazzjonali li jkun inkompatibbli ma' tali drittijiet [3].

Fir-rigward tal-Istati Membri, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni, fil-kuntest ta' diversi talbiet għal deċiżjoni preliminari, dwar il-kunċett ta' "implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni", filwaqt li pprovdiet, b'mod partikolari, lista ta' elementi li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk leġiżlazzjoni nazzjonali taqax taħt dan il-kunċett.

# I. L-applikazzjoni tal-Karta għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-organi tal-Unjoni

**Sentenza tal-20 ta' Settembru 2016 (Awla Manja), Ledra Advertising vs Il-Kummissjoni u Il-BĊE (C-8/15 P sa C-10/15 P, EU:C:2016:701)**

Ir-Repubblika ta' Ċipru, li l-munita tagħha hija l-euro, kienet talbet l-assistenza finanzjarja tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) [4] minħabba diffikultajiet li ltaqgħu magħhom, fil-bidu tas-sena 2012, ċerti banek stabbiliti f'dan l-Istat Membru. Din l-assistenza kellha tingħata fil-kuntest ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku li kellu jieħu l-forma ta' memorandum ta' qbil, innegozjat b'mod partikolari mill-Kummissjoni Ewropea f'isem il-MES. Tali memorandum ġie ffirmat fis-26 ta' April 2013 mir-Repubblika ta' Ċipru u mill-MES [5]. Ir-rikorrenti fl-ewwel istanza, detenturi ta' depożiti f'ċerti banek stabbiliti f'Ċipru, ippreżentaw għalhekk, quddiem il-Qorti Ġenerali, rikorsi intiżi, minn naħa, għall-annullament ta' ċerti punti tal-imsemmi memorandum u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens tad-dannu li fil-fehma tagħhom kienu ġarrbu. Skont ir-rikorrenti, dan id-dannu kien jirriżulta kemm mill-inklużjoni tal-punti kontenzjużi fil-memorandum ta' qbil u kemm mill-ksur, min-naħa tal-Kummissjoni, tal-obbligu tagħha li tiżgura li dan il-memorandum ikun konformi mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod iktar partikolari, mal-Artikolu 17(1) ("Id-dritt għall-proprjetà") tal-Karta. Peress li l-Qorti Ġenerali ddikjarat ir-rikorsi tagħhom bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondati, ir-rikorrenti fl-ewwel istanza ppreżentaw appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fir-rigward tal-kwistjoni ta' jekk il-Karta kinitx applikabbli għall-każ ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, għalkemm l-Istati Membri ma jkunux qegħdin jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni fil-kuntest tat-Trattat li jistabbilixxi l-MES, b'tali mod li l-Karta ma tapplikax għalihom f'dan il-kuntest,

---

2 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-20 ta' Mejju 2003, Österreichischer Rundfunk *et* (C-465/00, C-138/01 u C-139/01, EU:C:2003:294, punti 68 *et seq*.); tal-4 ta' Marzu 2010, Chakroun (C-578/08, EU:C:2010:117, punti 44 *et seq*.); tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google (C-131/12, EU:C:2014:317, punti 68 *et seq*.); tal-11 ta' Settembru 2014, A (C-112/13, EU:C:2014:2195, punti 51 *et seq*.); tas-6 ta' Ottubru 2015, Orizzonte Salute (C-61/14, EU:C:2015:655, punti 49 *et seq*.); tas-6 ta' Ottubru 2015, Schrems (C-362/14, EU:C:2015:650, punti 38 *et seq*.); u tal-21 ta' Diċembru 2016, Tele2 Sverige u Watson *et* (C-203/15 u C-698/15, EU:C:2016:970, punti 91 *et seq*.).

3 Ara l-Opinjoni 1/15 (Ftehim PNR Unjoni-Kanada), tas-26 ta' Lulju 2017 (EU:C:2017:592).

4 It-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà bejn ir-Renju tal Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, Malta, ir-Renju tal Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka u r-Repubblika tal-Finlandja. Dan it-trattat daħal fis-seħħ fis-27 ta' Settembru 2012.

5 Memorandum ta' qbil dwar il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' politika ekonomika, konkluż bejn ir-Repubblika ta' Ċipru u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) fis-26 ta' April 2013 (iktar 'il quddiem il-"Memorandum ta' qbil tas-26 ta' April 2013").

il-Karta, għall-kuntrarju, tapplika għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni, inkluż meta jaġixxu barra mill-qafas legali tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qalet ukoll li, fil-kuntest tal-adozzjoni ta' memorandum ta' qbil, bħal dak tas-26 ta' April 2013, il-Kummissjoni hija meħtieġa, kemm taħt l-Artikolu 17(1) TUE, li jagħtiha l-missjoni ġenerali li tissorvelja l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u kemm taħt l-Artikolu 13(3) u (4) tat-Trattat li jistabbilixxi l-MES, li jobbligaha tiżgura l-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-memoranda ta' qbil konklużi mill-MES, tiżgura li tali memorandum ikun kompatibbli mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, f'dan il-każ, kien il-kompitu tagħha li teżamina jekk, fir-rigward tar-rikorsi għad-danni, il-Kummissjoni kinitx ikkontribwixxiet għal ksur suffiċjentement serju tad-dritt għall-proprjetà tar-rikorrenti fl-ewwel istanza, fis-sens tal-Artikolu 17(1) tal-Karta, fil-kuntest tal-adozzjoni tal-memorandum ta' qbil tas-26 ta' April 2013 (punti 67 u 68) [6].

## II. L-applikazzjoni tal-Karta għall-Istati Membri: il-kunċett ta' "implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni"

### 1. Il-prinċipji applikabbli

**Sentenza tas-26 ta' Frar 2013 (Awla Manja), Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105)**

It-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn l-Åklagaren (il-Ministeru Pubbliku, l-Isvezja) u H. Åkerberg Fransson, kienet dwar il-proċeduri mressqa kontra dan tal-aħħar minħabba frodi fiskali aggravat. Fil-fatt, dan tal-aħħar kien akkużat li, fid-dikjarazzjonijiet fiskali tiegħu għas-snin 2004 u 2005, kien ipprovda informazzjoni mhux preċiża li kienet esponiet lit-Teżor Pubbliku għal telf ta' dħul marbut mal-ġbir tat-taxxa fuq id-dħul u tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT). Huwa kien ukoll is-suġġett ta' proċeduri minħabba li ma kienx iddikjara kontribuzzjonijiet bħala persuna li timpjega għall-perijodi ta' referenza tax-xahar ta' Ottubru 2004 u tax-xahar ta' Ottubru 2005, nuqqas dan li kien espona lill-organi soċjali għal telf ta' dħul.

Fir-rigward tas-sentejn fiskali inkwistjoni, H. Åkerberg Fransson kien is-suġġett ta' diversi sanzjonijiet imposti mill-amministrazzjoni fiskali, jiġifieri sanzjonijiet fir-rigward tad-dħul mill-attività ekonomika tiegħu, fir-rigward tal-VAT u fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet bħala persuna li timpjega. Dawn is-sanzjonijiet kienu marbuta mal-ħlas ta' interessi u ma kinux is-suġġett ta' rikors quddiem il-qorti amministrattiva. Id-deċiżjoni li stabbilixxiet dawn is-sanzjonijiet kienet motivata bl-istess dikjarazzjonijiet żbaljati bħal dawk meħuda inkunsiderazzjoni mill-Ministeru Pubbliku fil-proċedura kriminali.

Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju kellha dubju dwar jekk l-azzjoni mressqa kontra H. Åkerberg Fransson kellhiex tiġi miċħuda għar-raġuni li, fil-kuntest ta' proċedura oħra, huwa kien diġà ġie ssanzjonat għall-istess atti, sitwazzjoni din li setgħet titqies li tikkostitwixxi ksur tal-projbizzjoni fir-rigward ta' piena doppja, stabbilita fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u fl-Artikolu 50 tal-Karta. Hija

[6] Din is-sentenza ġiet ippreżentata fir-Rapport Annwali tal-2016, p. 69.

għalhekk staqsiet, b'mod partikolari, lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-prinċipju ta' *ne bis in idem* stabbilit fl-Artikolu 50 tal-Karta jipprekludix it-tressiq ta' proċeduri kriminali minħabba frodi fiskali kontra akkużat meta dan tal-aħħar kien diġà s-suġġett ta' sanzjoni fiskali għall-istess atti ta' dikjarazzjoni żbaljata.

Meta analizzat il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi fakkret li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta, fir-rigward tal-azzjoni tal-Istati Membri, huwa ddefinit fl-Artikolu 51(1) tagħha, li jipprovdi li d-dispożizzjonijiet tal-Karta japplikaw għall-Istati Membri biss meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, hija ddikjarat li d-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni huma intiżi li japplikaw fis-sitwazzjonijiet kollha rregolati mid-dritt tal-Unjoni, iżda mhux lil hinn minn tali sitwazzjonijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li huwa għal din ir-raġuni li hija ma tistax tevalwa, fid-dawl tal-Karta, leġiżlazzjoni nazzjonali li ma taqax fil-kuntest tad-dritt tal-Unjoni. Għall-kuntrarju, meta tali leġiżlazzjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, meta ssirilha talba għal deċiżjoni preliminari, għandha tipprovdi l-elementi ta' interpretazzjoni kollha meħtieġa għall-evalwazzjoni, mill-qorti nazzjonali, tal-konformità ta' din il-leġiżlazzjoni mad-drittijiet fundamentali li hija tiżgura r-rispett tagħhom (punti 17 sa 23) [7].

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li s-sanzjonijiet fiskali u l-proċeduri kriminali li tagħhom H. Åkerberg Fransson kien jew huwa s-suġġett huma marbuta, parzjalment, ma' nuqqasijiet tal-obbligi ta' dikjarazzjoni tiegħu fil-qasam tal-VAT. Hija qieset, minn naħa, li mill-Artikolu 2, mill-Artikolu 250(1) u mill-Artikolu 273 tad-Direttiva 2006/112 [8] u mill-Artikolu 4(3) TUE jirriżulta li kull Stat Membru huwa obbligat jieħu l-miżuri leġiżlattivi u amministrattivi xierqa sabiex jiggarantixxi l-ġbir tal-VAT kollha dovuta fit-territorju tiegħu u jiġġieled kontra l-frodi. Min-naħa l-oħra, hija kkonstatat li l-Artikolu 325 TFUE jobbliga lill-Istati Membri jiġġieldu kontra l-attivitajiet illeċiti li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' miżuri dissważivi u effettivi, filwaqt li indikat f'dan ir-rigward li r-riżorsi proprji tal-Unjoni jinkludu b'mod partikolari, skont l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 2007/436 [9], id-dħul mill-applikazzjoni ta' rata uniformi għall-bażi armonizzata ta' stima tal-VAT iddeterminata skont ir-regoli tal-Unjoni. Minn dan hija kkonkludiet li sanzjonijiet fiskali u proċeduri kriminali minħabba frodi fiskali, bħal dawk li H. Åkerberg Fransson kien jew huwa s-suġġett tagħhom minħabba n-nuqqas ta' preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta fil-qasam tal-VAT, jikkostitwixxu implimentazzjoni tal-Artikolu 2, tal-Artikolu 250(1) u tal-Artikolu 273 tad-Direttiva 2006/112 u tal-Artikolu 325 TFUE u, għaldaqstant, tad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li kellha ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula u sabiex tagħti l-elementi ta' interpretazzjoni kollha meħtieġa għall-evalwazzjoni mill-qorti tar-rinviju tal-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, stabbilit fl-Artikolu 50 tal-Karta (punti 24 sa 27 u 31).

**Sentenza tal-10 ta' Lulju 2014, Julián Hernández et (C-198/13, EU:C:2014:2055)**

It-talba għal deċiżjoni preliminari saret fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, seba' impjegati u, min-naħa l-oħra, il-persuni li jimpjegawhom, li kienu f'sitwazzjoni ta' insolvenza, u l-Istat Spanjol, li

7 Din is-sentenza ġiet ippreżentata fir-Rapport Annwali tal-2013, p. 16.

8 Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60).

9 Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom, tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU 2007, L 163, p. 17).

kienet tikkonċerna l-ħlas ta' salarji dovuti lil dawn l-impjegati wara t-tkeċċija tagħhom li kienet ġiet iddikjarata nulla mill-qorti nazzjonali.

Konformement mal-leġiżlazzjoni Spanjola applikabbli f'dan il-każ, il-persuna li timpjega tista' titlob mingħand l-Istat Spanjol il-ħlas tas-salarji dovuti matul il-proċedura ta' kontestazzjoni ta' tkeċċija wara s-60 jum ta' xogħol wara l-preżentata tar-rikors. Meta l-persuna li timpjega ma tkunx ħallset dawn is-salarji u tkun tinsab fi stat ta' insolvenza provviżorja, l-impjegat ikkonċernat jista', permezz ta' surroga legali, jitlob direttament mingħand dan l-Istat Membru l-ħlas tal-imsemmija salarji.

B'hekk, il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk din il-leġiżlazzjoni kinitx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/94 [10] u jekk l-Artikolu 20 ("L-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi") tal-Karta kienx jipprekludi din il-leġiżlazzjoni sa fejn tapplika biss fil-każ ta' tkeċċija abbużiva, bl-esklużjoni tal-każijiet ta' tkeċċija nulla.

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret li, kif jirriżulta mill-Ispjegazzjonijiet marbuta mal-Artikolu 51 tal-Karta, li skont l-Artikolu 52(7) tagħha għandhom jittieħdu debitament inkunsiderazzjoni, il-kunċett ta' "implimentazzjoni" previst fl-Artikolu 51 jikkonferma l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tal-Karta, li minnha joħroġ li l-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni jorbot lill-Istati Membri biss meta jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li hija kienet diġà kkonkludiet li d-drittijiet fundamentali tal-Unjoni ma japplikawx f'sitwazzjoni fejn id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam ikkonċernat ma jimponu ebda obbligu speċifiku fuq l-Istati Membri fir-rigward tal-imsemmija sitwazzjoni. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li s-sempliċi fatt li miżura nazzjonali taqa' f'qasam li fih l-Unjoni għandha kompetenzi ma jistax idaħħalha fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u, għalhekk, jimplika l-applikabbiltà tal-Karta. Sussegwentement, hija indikat li, sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura nazzjonali timplimentax id-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, għandu jiġi vverifikat, fost elementi oħra, jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni hijiex intiża li timplimenta dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, in-natura ta' din il-leġiżlazzjoni u jekk din għandhiex għanijiet differenti minn dawk koperti mid-dritt tal-Unjoni, anki jekk tista' tolqot indirettament lil dan tal-aħħar, u għandu jiġi vverifikat ukoll jekk hemmx leġiżlazzjoni speċifika fid-dritt tal-Unjoni f'dan il-qasam jew li tista' tikkonċernah (punti 33 u 35 sa 37).

F'dan il-każ, hija eżaminat b'mod partikolari l-kriterju dwar jekk il-miżura nazzjonali inkwistjoni għandhiex għan kopert mid-direttiva kkonċernata. F'dan ir-rigward, hija ddikjarat li mill-karatteristiċi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali jirriżulta li l-għan tagħha ma huwiex dak li tiġi żgurata protezzjoni minima tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza tal-persuna li timpjegahom, li huwa l-għan tad-Direttiva 2008/94, iżda ssegwi l-għan li tipprevedi l-kumpens mill-Istat Spanjol tal-konsegwenzi dannużi tat-tul tal-proċeduri ġudizzjarji li jdumu iktar minn 60 jum ta' xogħol. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li s-sempliċi fatt li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' f'qasam li fih l-Unjoni għandha kompetenzi bis-saħħa tal-Artikolu 153(2) TFUE ma jistax jimplika l-applikabbiltà tal-Karta. B'hekk, mill-elementi kollha eżaminati hija kkonkludiet li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni ma tistax titqies li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta u, għaldaqstant, ma tistax tiġi eżaminata fid-dawl

[10] Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU 2008, L 283, p. 36).

tal-garanziji tal-Karta u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 20 tagħha (punti 38 sa 41, 46, 48, 49 u d-dispożittiv) [11].

## 2. Elementi li jippermettu li tiġi evalwata l-eżistenza ta' miżura nazzjonali li "timplimenta d-dritt tal-Unjoni"

### 2.1 Id-dritt tal-Unjoni jimponi fuq l-Istati Membri obbligu speċifiku wieħed jew iktar, jew is-sitwazzjoni nazzjonali taqa' taħt leġiżlazzjoni speċifika tad-dritt tal-Unjoni

#### 2.1.1. Eżempji tal-iktar ġurisprudenza importanti

**Sentenza tas-6 ta' Marzu 2014, Siragusa (C-206/13, EU:C:2014:126)**

Ir-rikorrent, proprjetarju ta' proprjetà immobbli li tinsab f'żona suġġetta għal servitujiet marbuta mal-protezzjoni tal-pajsaġġ, kien wettaq xogħlijiet mingħajr permess minn qabel li żiedu l-volum ta' din il-proprjetà. Peress li din il-kategorija ta' xogħlijiet ma setgħetx tkun is-suġġett ta' regolarizzazzjoni retroattiva, is-Soprintendenza Beni Culturali e Ambientali di Palermo (id-Direttorat tal-Patrimonju Kulturali u Ambjentali ta' Palermo, l-Italja) adotta ordni għar-restawr ta' postijiet, li kienet timplika li jitneħħew ix-xogħlijiet kollha li kienu saru b'mod abbużiv.

Adita b'rikors kontra din l-ordni, il-qorti tar-rinviju kellha dubju b'mod partikolari dwar jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, sa fejn teskludi, fuq il-bażi ta' preżunzjoni, kategorija ta' xogħlijiet minn kull eżami tal-kompatibbiltà tagħhom mal-protezzjoni tal-pajsaġġ filwaqt li tissanzjonahom permezz tat-twaqqigħ, kinitx tikkostitwixxi ksur mhux iġġustifikat u sproporzjonat tad-dritt għall-proprjetà ggarantit mill-Artikolu 17 tal-Karta.

Fid-deċiżjoni tagħha dwar il-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tagħti risposta għad-domanda preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-kunċett ta' "implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni", fis-sens tal-Artikolu 51 tal-Karta, jeħtieġ l-eżistenza ta' konnessjoni ta' ċertu livell, li tmur lil hinn mill-affinità bejn l-oqsma kkonċernati jew l-impatti indiretti ta' wieħed mill-oqsma fuq l-ieħor. Hija qalet ukoll li, sabiex jiġi ddeterminat jekk leġiżlazzjoni nazzjonali timplimentax id-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51 tal-Karta, hemm lok li jiġi vverifikat, fost elementi oħra, jekk għandhiex l-għan li timplimenta dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, in-natura ta' din il-leġiżlazzjoni u jekk għandhiex għanijiet differenti minn dawk koperti mid-dritt tal-Unjoni, anki jekk tista' taffettwa indirettament lil din tal-aħħar, kif ukoll, jekk teżistix leġiżlazzjoni tad-dritt tal-Unjoni speċifika f'dan il-qasam jew li tista' tikkonċernah (punti 24 u 25).

F'dan il-każ, biex waslet għall-konklużjoni li ma għandhiex ġurisdizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja applikat diversi elementi minn fost dawk identifikati minnha. Fil-fatt, hija kkonstatat li d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni invokati mill-qorti tar-rinviju ma jimponu ebda obbligu fuq l-Istati Membri fir-rigward tas-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Barra minn hekk, hija osservat li l-għanijiet tal-leġiżlazzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma humiex l-istess. Fl-aħħar nett, hija indikat li d-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma jikkostitwixxux l-implimentazzjoni ta' normi tad-dritt tal-Unjoni, sabiex

[11] Din is-sentenza ġiet ippreżentata fir-Rapport Annwali tal-2014, p. 14.

b'hekk ikkonkludiet li ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domanda magħmula mit-Tribunale amministrativo regionale per la Sicilia (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali għas-Sicilia, l-Italja) (punti 26 sa 33 u d-dispożittiv).

**Sentenza tal-21 ta' Novembru 2011 (Awla Manja) N. S. et (C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865)**

It-tilwimiet fil-kawżi prinċipali kienu jikkonċernaw diversi ċittadini ta' pajjiżi terzi li kienu ppreżentaw applikazzjoni għal ażil fir-Renju Unit jew fl-Irlanda meta preċedentement kienu għaddew mill-Greċja. Huma kienu qegħdin joġġezzjonaw għat-trasferiment tagħhom lejn il-Greċja, liema Stat Membru kien normalment responsabbli għall-eżami tal-applikazzjonijiet għal ażil tagħhom, skont ir-Regolament Nru 343/2001 [12] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Dublin II"). Fil-fatt, l-argument tagħhom kien li tali trasferiment kien ser jikser id-drittijiet fundamentali tagħhom jew li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-applikanti għal ażil fil-Greċja ma kinux adegwati, b'tali mod li l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kienu jinsabu attwalment kien obbligat juża l-possibbiltà, prevista fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin II, li jaċċetta r-responsabbiltà li jeżamina u li jieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għal ażil tagħhom.

Dawn il-kawżi qajmu, b'mod partikolari, żewġ kwistjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta.

B'hekk, l-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha taqta' l-kwistjoni ta' jekk id-deċiżjoni adottata minn Stat Membru, fuq il-bażi tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin II, li jeżamina jew le applikazzjoni għal ażil li fir-rigward tagħha ma jkunx responsabbli fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu III ta' dan ir-regolament taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għall-finijiet tal-Artikolu 6 TUE u/jew tal-Artikolu 51 tal-Karta. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin II jirrikonoxxi lill-Istati Membri setgħa diskrezzjonali li tagħmel parti integrali mis-sistema Ewropea komuni tal-ażil prevista fit-Trattat FUE u mfassla f'iktar dettall mil-leġiżlatur tal-Unjoni. Din is-setgħa diskrezzjonali għandha tiġi eżerċitata filwaqt li jiġu osservati dispożizzjonijiet oħra tal-imsemmi regolament. Barra minn hekk, l-Istat Membru li jieħu d-deċiżjoni li jeżamina huwa stess applikazzjoni għal ażil isir l-Istat Membru responsabbli fis-sens tar-Regolament Dublin II u għandu, jekk ikun il-każ, jinforma lill-Istat Membru jew lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati mill-applikazzjoni għal ażil. Għaldaqstant, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, Stat Membru li jeżerċita s-setgħa diskrezzjonali mogħtija mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin II għandu jitqies li jkun qiegħed jimplimenta d-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta (punti 55, 65 sa 69, u d-dispożittiv 1).

Sussegwentement, sa fejn ċerti domandi preliminari kienu tqajmu fir-rigward tal-obbligi tar-Renju Unit fil-qasam tal-protezzjoni mogħtija lil persuna li għaliha japplika r-Regolament Dublin II, qamet il-kwistjoni ta' jekk it-teħid inkunsiderazzjoni tal-Protokoll Nru 30 dwar l-Applikazzjoni tal-Karta għar-Repubblika tal-Polonja u għar-Renju Unit [13], kellux xi tip ta' impatt fuq ir-risposti mogħtija. Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja kienet fin-negattiv. Biex waslet għal din il-konklużjoni, hija enfasizzat li mill-Artikolu 1 ta' dan il-protokoll jirriżulta li dan tal-aħħar ma jdaħħalx inkwistjoni l-applikabbiltà tal-Karta għar-Renju Unit jew għall-Polonja, kif jikkonfermaw it-tielet u s-sitt premessi tiegħu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 1(1) tal-Protokoll

[12] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Stat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 109).

[13] Protokoll Nru 30 dwar l-Applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għall-Polonja u għar-Renju Unit (ĠU 2010, C 83, p. 313) (iktar 'il quddiem il-"Protokoll Nru 30").

Nru 30 jespliċita l-Artikolu 51 tal-Karta u la huwa intiż li jeżenta lill-Polonja u lir-Renju Unit mill-obbligu li josservaw id-dispożizzjonijiet tal-Karta u lanqas ma jippreklудi lil qorti ta' wieħed minn dawn l-Istati Membri milli tiżgura l-osservanza ta' dawn id-dispożizzjonijiet (punti 116, 119, 120, 122, u d-dispożittiv 4) [14].

**Sentenza tad-19 ta' Novembru 2019 (Awla Manja), A. K. et (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982)**

Fit-tilwimiet fil-kawżi prinċipali, tliet Imħallfin Pollakki tal-Qorti Suprema Amministrattiva u tal-Qorti Suprema kienu qegħdin jilmentaw dwar il-fatt li ġew imġiegħla jirtiraw kmieni konformement ma' leġiżlazzjoni nazzjonali ġdida. Insostenn tar-rikorsi tagħhom quddiem l-Awla Industrijali u tas-Sigurtà Soċjali tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja), huma kienu qegħdin isostnu, b'mod partikolari, li dan l-irtirar obbligatorju kmieni kien jikser it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta, kif ukoll id-Direttiva 2000/78 [15]. Minkejja li, wara emenda tal-imsemmija leġiżlazzjoni, ir-rikorrenti kienu nżammu jew ġew integrati mill-ġdid fil-kariga tagħhom, il-qorti tar-rinviju qieset li kien għad għandha problema ta' natura proċedurali. Fil-fatt, filwaqt li t-tip ta' tilwima inkwistjoni kienet normalment taqa' fil-kompetenza tal-Awla Dixxiplinari, li kienet twaqqfet reċentement fi ħdan il-Qorti Suprema, hija kellha dubju dwar jekk, minħabba dubji dwar l-indipendenza ta' din l-istanza, hija kellhiex tinjora r-regoli nazzjonali dwar it-tqassim tal-kompetenzi ġudizzjarji u, jekk ikun il-każ, tieħu konjizzjoni hija stess tal-mertu ta' dawn it-tilwimiet.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju għamlet b'mod partikolari lill-Qorti tal-Ġustizzja domanda dwar jekk l-Artikolu 2 TUE u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll l-Artikolu 47 tal-Karta kellhomx jiġu interpretati fis-sens li awla ta' qorti suprema ta' Stat Membru bħall-Awla Dixxiplinari kkonċernata kinitx tissodisfa, fid-dawl tal-kundizzjonijiet li fiha kienet twaqqfet u li fiha kienu nħatru l-membri tagħha, ir-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' imparzjalità meħtieġa minn dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni.

Qabel tat risposta għal din id-domanda fuq il-mertu, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-ġurisdizzjoni tagħha u eżaminat jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali kinux jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, b'tali mod li b'hekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta.

Fir-rigward tal-kwistjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, f'dan il-każ, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali kienu qegħdin jallegaw ksur tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età fil-qasam tal-impjieg, prevista fid-Direttiva 2000/78, li l-Artikolu 9 tagħha jafferma mill-ġdid id-dritt għal rimedju effettiv. Minn dan hija ddeduċiet li dawn il-kawżi kienu jikkorrispondu għal sitwazzjonijiet irregolati mid-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, il-kwistjoni mqajma kienet tikkonċerna jekk l-istanza nazzjonali normalment kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni ta' tilwima li fiha individwu jinvoka dritt li huwa jgawdi bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni tissodisfax ir-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv, kif iggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta u mill-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2000/78.

14 Din is-sentenza ġiet ippreżentata fir-Rapport Annwali tal-2011, p. 61.

15 Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

Barra minn hekk, fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li din id-dispożizzjoni hija intiża li tiggarantixxi protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-"oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni", irrispettivament mis-sitwazzjoni li fiha l-Istati Membri jimplimentaw dan id-dritt fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li l-Protokoll Nru 30 dwar l-Applikazzjoni tal-Karta għall-Polonja u għar-Renju Unit lanqas ma jdaħħal inkwistjoni l-applikabbiltà tal-Karta fil-Polonja u ma huwiex intiż li jeħles lill-Polonja mill-obbligu li tosserva d-dispożizzjonijiet tal-Karta (punti 78 sa 85 u 100).

**Sentenza tad-19 ta' Novembru 2019 (Awla Manja), TSN u AKT (C-609/17 u C-610/17, EU:C:2019:981)**

Il-ħaddiema inkwistjoni f'dawn il-kawżi kienu intitolati, skont il-ftehim kollettiv applikabbli fis-settur tal-attività tagħhom, għal perijodu ta' leave annwali mħallas itwal mill-perijodu minimu ta' erba' ġimgħat previst fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 [16], jiġifieri għal seba' ġimgħat (Kawża TSN, C-609/17) u għal ħames ġimgħat (Kawża AKT, C-610/17). Peress li dawn il-ħaddiema kienu bbenefikaw minn inkapaċità għax-xogħol minħabba mard matul perijodu mil-leave annwali mħallas tagħhom, huma kienu talbu lill-persuni li jimpjegawhom rispettivi sabiex il-parti tal-leave annwali li ma setgħux jużaw tiġi posposta. Madankollu, l-imsemmija persuni li jimpjegaw kienu rrifjutaw dawn it-talbiet sa fejn kienu jikkonċernaw il-parti tad-dritt għal-leave annwali mħallas li taqbeż il-leave minimu ta' erba' ġimgħat previst fid-Direttiva 2003/88.

Adita b'dawn it-tilwimet, it-työtuomioistuin (il-Qorti Industrijali, il-Finlandja) staqsiet, b'mod partikolari, jekk il-paragrafu 2, dwar id-dritt għal-leave annwali mħallas, tal-Artikolu 31 ("Kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa") tal-Karta kienx jipprekludi leġiżlazzjonijiet nazzjonali u ftehimiet kollettivi li jipprevedu l-għoti ta' jiem ta' leave annwali mħallas li n-numru tagħhom jaqbeż il-perijodu minimu ta' erba' ġimgħat previst fid-Direttiva 2003/88, filwaqt li jeskludu posponiment ta' dawn il-jiem ta' leave minħabba mard.

Meta indirizzat il-kwistjoni ta' jekk tali leġiżlazzjonijiet jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret li, fir-rigward tal-azzjoni tal-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet tal-Karta japplikaw għall-Istati Membri biss meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni. Hija sussegwentement indikat li s-sempliċi fatt li miżuri interni jaqgħu f'qasam li fih l-Unjoni għandha kompetenzi ma jistax idaħħal lil dawn il-miżuri fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u b'hekk jimplika l-applikabbiltà tal-Karta.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li d-Direttiva 2003/88, li kienet ġiet adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 137(2) KE, li sar l-Artikolu 153(2) TFUE, tistabbilixxi biss rekwiżiti minimi dwar is-sigurtà u s-saħħa fil-qasam tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. Skont l-Artikolu 153(4) TFUE, tali rekwiżiti minimi ma jistgħux jipprekludu lil Stat Membru milli jżomm fis-seħħ jew jintroduċi miżuri ta' protezzjoni iktar stretti li jkunu kompatibbli mat-Trattati. Għalhekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri jibqgħu liberi, fl-eżerċizzju tal-kompetenza li għad għandhom fil-qasam tal-politika soċjali, jadottaw tali normi, iktar rigorużi minn dawk li huma s-suġġett tal-intervent tal-leġiżlatur tal-Unjoni, bil-kundizzjoni li ma jippreġudikawx il-koerenza tal-imsemmi intervent.

[16] Direttiva 2003/88KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381).

Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk qieset li, meta l-Istati Membri jaqblu li jew jippermettu lill-imsieħba soċjali jagħtu drittijiet għal-leave annwali mħallas li jaqbeż it-tul minimu ta' erba' ġimgħat previst fid-Direttiva 2003/88, tali drittijiet jew, barra minn hekk, il-kundizzjonijiet għall-eventwali posponiment ta' dawn id-drittijiet fil-każ ta' mard li jseħħ matul il-leave, jaqgħu taħt l-eżerċizzju tal-kompetenza miżmuma mill-Istati Membri, mingħajr ma jiġu rregolati minn din id-direttiva. Issa, meta d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam ikkonċernat ma jirregolawx aspett u ma jimponu ebda obbligu speċifiku fuq l-Istati Membri fir-rigward ta' sitwazzjoni partikolari, il-leġiżlazzjoni nazzjonali adottata minn Stat Membru dwar dan l-aspett ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, meta jadotta tali leġiżlazzjonijiet jew meta jawtorizza n-negozjar ta' ftehimiet kollettivi bħal dawk inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, Stat Membru ma jkunx qiegħed jimplimenta din id-direttiva, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, b'tali mod li din tal-aħħar, b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tagħha, ma hijiex intiża li tapplika (punti 42 sa 55).

**Sentenza tal-1 ta' Diċembru 2016, Daouidi (C-395/15, EU:C:2016:917)**

F'din il-kawża, ir-rikorrent kien qiegħed jikkontesta t-tkeċċija tiegħu. Fil-fatt, filwaqt li kien f'sitwazzjoni ta' inkapaċità temporanja għax-xogħol għal żmien indeterminat, minħabba inċident fuq il-post tax-xogħol, ir-rikorrent tkeċċa minħabba raġuni dixxiplinari. Huwa għalhekk ippreżenta, quddiem il-Juzgado de lo Social no 33 de Barcelona (il-Qorti Industrijali Nru 33 ta' Barcelona, Spanja) rikors intiż, prinċipalment, għal dikjarazzjoni tan-nullità tat-tkeċċija tiegħu.

Dik il-qorti indikat li kien hemm fatti suffiċjenti sabiex jitqies li r-raġuni reali tat-tkeċċija tar-rikorrent kienet l-inkapaċità għax-xogħol tiegħu li kienet tirriżulta mill-inċident fuq il-post tax-xogħol li kien il-vittma tiegħu. Għaldaqstant, hija kellha dubju dwar jekk tali tkeċċija kellhiex titqies li hija kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni, sa fejn tikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, tad-dritt għal protezzjoni kontra kull tkeċċija mhux iġġustifikata, tad-dritt għal kundizzjonijiet ta' xogħol ġusti u xierqa, tad-dritt għal aċċess għall-benefiċċji ta' sigurtà soċjali kif ukoll tad-dritt għall-protezzjoni tas-saħħa, stabbiliti rispettivament fl-Artikoli 21(1), 30, 31, 34(1) u 35 tal-Karta.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont ġurisprudenza stabbilita, meta sitwazzjoni legali ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, hija ma jkollhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tagħha u li d-dispożizzjonijiet tal-Karta eventwalment invokati ma jistgħux, waħedhom, iservu ta' bażi għal din il-ġurisdizzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, f'dan ir-rigward, li għandu jiġi kkonstatat li, f'dan l-istadju tat-trattament tal-proċedura fil-kawża prinċipali, ma kienx ġie stabbilit li s-sitwazzjoni inkwistjoni kienet fil-fatt taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni għajr dawk li jinsabu fil-Karta. Hija qieset, b'mod partikolari, fir-rigward tad-Direttiva 2000/78 [17], li l-fatt li persuna tinsab f'sitwazzjoni ta' inkapaċità temporanja għax-xogħol, fis-sens tad-dritt nazzjonali, għal żmien indeterminat, minħabba inċident fuq il-post tax-xogħol, ma jfissirx li l-limitazzjoni mġarrba minn din il-persuna tista' tiġi kklassifikata bħala "dejjiema", fis-sens tal-kunċett ta' "diżabbiltà" użat f'din id-direttiva. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domanda magħmula (punti 63, 64, 65 u 68).

17 Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

**Sentenza tas-16 ta' Mejju 2017 (Awla Manja), Berlioz Investment Fund (C-682/15, EU:C:2017:373)**

It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet bejn il-kumpannija Berlioz Investment Fund u d-directeur de l'administration des contributions directes (id-Direttur tal-Amministrazzjoni tat-Taxxi Diretti, il-Lussemburgu) u kienet tikkonċerna sanzjoni pekunjarja li kienet ġiet imposta fuq din il-kumpannija minn dan tal-aħħar minħabba li kienet irrifjutat li twieġeb għal talba għal informazzjoni fil-kuntest ta' skambju mal-amministrazzjoni fiskali Franċiża. Fil-fatt, ir-rikorrenti kienet wieġbet parzjalment għal din it-talba għal informazzjoni, peress li qieset li l-informazzjoni l-oħra mitluba ma kinitx rilevanti, fis-sens tad-Direttiva 2011/16 [18], sabiex jiġi evalwat jekk it-tqassim ta' dividendi mis-sussidjarja Franċiża tagħha kellux ikun suġġett għat-taxxa f'ras il-għajn, li kien is-suġġett tal-kontroll imwettaq mill-amministrazzjoni fiskali Franċiża. Minħabba din it-tweġiba parzjali, id-Direttur tal-Amministrazzjoni tat-Taxxi Diretti kien impona fuqha multa amministrattiva, fuq il-bażi ta' liġi Lussemburgiża.

Kien għalhekk li r-rikorrenti ppreżentat rikors quddiem it-tribunal administratif (it-Tribunal Amministrattiv, il-Lussemburgu), fejn talbet verifika tal-fondatezza tad-deċiżjoni li tordnaha tikkomunika l-informazzjoni mitluba. Dan it-tribunal qies li r-rikors prinċipali għal riforma kien parzjalment fondat, u għalhekk naqqas il-multa, iżda ċaħad il-kumplament tar-rikors billi indika li ma kienx hemm lok li jagħti deċiżjoni dwar ir-rikors sussidjarju għal annullament. Ir-rikorrenti mbagħad ippreżentat appell quddiem il-Cour administrative (il-Qorti Amministrattiva, il-Lussemburgu), fejn sostniet li r-rifjut tat-tribunal administratif (it-Tribunal Amministrattiv), ibbażat fuq il-liġi Lussemburgiża, li jivverifika l-fondatezza tal-ordni maħruġa fil-konfront tagħha, kien jikkostitwixxi ksur tad-dritt tagħha għal rimedju ġudizzjarju effettiv, kif iggarantit mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"KEDB").

Peress li qieset li seta' jkun meħtieġ li jittieħed inkunsiderazzjoni l-Artikolu 47 tal-Karta, dispożizzjoni din li tirrifletti d-dritt imsemmi fl-Artikolu 6(1) tal-KEDB, il-qorti tar-rinviju staqsiet, b'mod partikolari, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Karta, jekk Stat Membru kellux jitqies li jkun qiegħed jimplimenta d-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51 tal-Karta, meta jipprevedi, fil-leġiżlazzjoni tiegħu, sanzjoni pekunjarja fir-rigward ta' suġġett tal-amministrazzjoni li jirrifjuta li jipprovdi informazzjoni fil-kuntest ta' skambju ta' informazzjoni bejn awtoritajiet fiskali, ibbażat b'mod partikolari fuq id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/16.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jiġi ddeterminat jekk miżura nazzjonali li tipprevedi tali sanzjoni tistax titqies li hija implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Għal dan il-għan, hija osservat li d-Direttiva 2011/16 timponi ċerti obbligi fuq l-Istati Membri. B'mod partikolari, hija nnotat li l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva jipprevedi li l-awtorità rikjesta għandha tikkomunika ċerta informazzjoni lill-awtorità rikjedenti. Barra minn hekk, hija indikat li, skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2011/16, intitolat "Obbligi", l-Istat Membru rikjest għandu jimplimenta l-miżuri tiegħu għall-ġbir ta' informazzjoni sabiex jikseb l-informazzjoni mitluba. Barra minn hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 22(1)(c) tad-Direttiva 2011/16, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiggarantixxu l-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' kooperazzjoni amministrattiva prevista minn din id-direttiva. Hija għalhekk iddeċidiet li, filwaqt li tirreferi għall-

[18] Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU 2011, L 64, p. 1, rettifika fil-ĠU 2020, L 274, p. 58).

miżuri għall-ġbir ta' informazzjoni li jeżistu fid-dritt nazzjonali, id-Direttiva 2011/16 tobbliga lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiksbu l-informazzjoni mitluba b'mod li josservaw l-obbligi tagħhom fil-qasam ta' skambju ta' informazzjoni. F'dan ir-rigward, hija qieset li l-fatt li d-Direttiva 2011/16 ma tipprevedix espliċitament l-applikazzjoni ta' miżuri ta' sanzjoni ma jipprekludix li jitqies li dawn jikkonċernaw l-implimentazzjoni ta' din id-direttiva u, għaldaqstant, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, hija kkonkludiet li l-Artikolu 51(1) tal-Karta għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru jkun qiegħed jimplimenta d-dritt tal-Unjoni, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, u li, għalhekk, il-Karta hija applikabbli, meta fil-leġiżlazzjoni tiegħu jipprevedi sanzjoni pekunjarja fir-rigward ta' suġġett tal-amministrazzjoni li jirrifjuta li jipprovdi informazzjoni fil-kuntest ta' skambju bejn awtoritajiet fiskali, ibbażat b'mod partikolari fuq id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/16 (punti 32 sa 42, u d-dispożittiv 1).

**Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2017 (Awla Manja), Florescu et (C-258/14, EU:C:2017:448)**

F'din il-kawża, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienu membri tal-ġudikatura Rumeni li, fl-istess ħin, kienu jeżerċitaw attività ta' lecturers universitarji. Wara iktar minn tletin sena servizz bħala membri tal-ġudikatura, huma kienu invokaw id-drittijiet għall-pensjoni tagħhom li, konformement mal-liġi nazzjonali li kienet fis-seħħ f'dak iż-żmien, setgħu jakkumulaw mad-dħul tagħhom mill-attività tagħhom bħala lecturers. Madankollu, f'kuntest ta' kriżi ekonomika, ġiet adottata sussegwentement liġi ġdida li kienet tipprojbixxi tali kumulu u li ġiet iddikjarata konformi mal-Kostituzzjoni mill-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija). Ir-rikorrenti għalhekk ippreżentaw rikors kontra d-deċiżjonijiet ta' sospensjoni tal-pensjonijiet tal-irtirar tagħhom, filwaqt li sostnew li din il-liġi ġdida kienet kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat UE u tal-Karta. Peress li dan ir-rikors ġie miċħud fl-ewwel istanza u mbagħad fl-appell, ir-rikorrenti ppreżentaw rikors għal reviżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju. F'dan il-kuntest, din tal-aħħar staqsiet b'mod partikolari lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 6 TUE u l-Artikolu 17 ("Id-dritt għall-proprjetà") tal-Karta jipprekludux tali leġiżlazzjoni nazzjonali, li tipprevedi l-projbizzjoni tal-kumulu tal-pensjoni netta tal-irtirar mad-dħul minn attivitajiet eżerċitati ma' istituzzjonijiet pubbliċi jekk il-livell ta' din il-pensjoni jaqbeż il-livell tas-salarju medju gross nazzjonali użat bħala bażi għall-iffissar tal-baġit tas-sigurtà soċjali tal-Istat.

Qabel tat risposta fil-mertu għad-domanda tal-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi eżaminat jekk tali leġiżlazzjoni nazzjonali setgħetx titqies li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, sabiex b'hekk tiddetermina jekk il-Karta kinitx fil-fatt applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali.

F'dan ir-rigward, hija osservat li, kif spjegat il-qorti tar-rinviju, il-liġi inkwistjoni kienet ġiet adottata sabiex ir-Rumanija tkun tista' tikkonforma ruħha mal-impenji li kienet ħadet fil-konfront tal-Unjoni fil-kuntest ta' programm ekonomiku li kien jippermettilha tibbenefika minn mekkaniżmu ta' sostenn finanzjarju ta' bilanċi tal-pagamenti u li kienu kkonkretizzati f'memorandum ta' qbil [19]. Fost il-kundizzjonijiet iffissati f'dan il-memorandum ta' qbil, kienu previsti t-tnaqqis tal-massa tas-salarju tas-settur pubbliku u, bil-għan li jittejbu fuq perijodu twil il-finanzi pubbliċi, ir-riforma tal-parametri ewlenin tas-sistema tal-pensjonijiet. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-miżura ta' projbizzjoni ta' kumulu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li kienet issegwi fl-istess ħin iż-żewġ għanijiet imsemmija, hija intiża li timplimenta l-impenji meħuda mir-Rumanija fil-memorandum ta' qbil, li jagħmel parti mid-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, dan il-memorandum għandu l-

19 Memorandum ta' qbil konkluż bejn il-Komunità Ewropea u r-Rumanija, f'Bukarest u fi Brussell, fit-23 ta' Ġunju 2009.

bażi legali tiegħu fl-Artikolu 143 TFUE, li jagħti lill-Unjoni l-kompetenza li tagħti għajnuna reċiproka lil Stat Membru li l-munita tiegħu ma hijiex l-euro u li jkun jinsab f'diffikultajiet jew li jkun qiegħed jaffronta theddida gravi ta' diffikultajiet fil-bilanċ tal-pagamenti tiegħu (punti 31, 45 u 47).

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li huwa minnu li dan il-memorandum ta' qbil iħalli marġni ta' diskrezzjoni lir-Rumanija sabiex tiddeċiedi liema huma l-aħjar miżuri sabiex jiġu onorati l-imsemmija impenji. Madankollu, minn naħa, meta Stat Membru jadotta miżuri fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lilu minn att tad-dritt tal-Unjoni, huwa għandu jitqies li qiegħed jimplimenta dan id-dritt, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta. Min-naħa l-oħra, l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(5) tad-Deċiżjoni 2009/459 [20], kif ukoll dawk stabbiliti mill-memorandum ta' qbil, huma ddettaljati u preċiżi biżżejjed sabiex jippermettu li jitqies li l-projbizzjoni ta' kumulu li tirriżulta mil-liġi nazzjonali inkwistjoni hija intiża li timplimenta dan il-memorandum u din id-deċiżjoni, u, għaldaqstant, id-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta. Għaldaqstant, din tal-aħħar hija applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali (punt 48).

### Sentenza tas-7 ta' Novembru 2019, UNESA et (C-80/18 sa C-83/18, EU:C:2019:934)

It-tilwimiet fil-kawżi prinċipali kienu jikkonċernaw il-legalità ta' diversi taxxi Spanjoli fuq l-enerġija nukleari, li kienet qiegħda tiġi kkontestata minn kumpanniji li jipproduċu l-enerġija nukleari. It-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja), adita b'dawn it-tilwimiet, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà, mad-dritt tal-Unjoni, tal-leġiżlazzjoni li tipprevedi dawn it-taxxi. Essenzjalment, il-qorti tar-rinviju xtaqet tkun taf, b'mod partikolari, jekk il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", previst fl-Artikolu 191(2) TFUE, l-Artikolu 20 ("L-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi") u l-Artikolu 21 ("Non-diskriminazzjoni") tal-Karta, kif ukoll id-Direttivi 2005/89 [21] u 2009/72 [22] kinux qegħdin jiġu osservati mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, sa fejn l-impriżi ta' produzzjoni tal-enerġija nukleari kienu qegħdin iġarrbu parti partikolarment għolja mit-taxxi kkonċernati meta mqabbla mal-impriżi l-oħra fis-settur tal-elettriku.

L-ewwel nett, fir-rigward tal-kwistjoni tal-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni mal-Artikolu 191(2) TFUE u mad-Direttiva 2005/89, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat, fl-ewwel lok, li l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, kif previst fl-Artikolu 191(2) TFUE, ma kienx ta' natura li japplika għas-sitwazzjoni fil-kawżi prinċipali peress li din id-dispożizzjoni la kienet implimentata mid-Direttiva 2009/72 u lanqas mid-Direttiva 2005/89. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-applikabbiltà tad-Direttiva 2005/89, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li t-talbiet għal deċiżjoni preliminari ma kienx fihom l-elementi kollha msemmija fl-Artikolu 94(c) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha u għalhekk qieset li dan in-nuqqas ta' informazzjoni ma kienx jippermettilha tagħti deċiżjoni dwar l-applikabbiltà tal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta. F'dan ir-rigward, hija fakkret li l-Artikolu 51(1) tal-Karta jikkonferma l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sens li d-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni huma intiżi li japplikaw fis-sitwazzjonijiet kollha rregolati mid-dritt tal-Unjoni iżda mhux lil hinn minn tali sitwazzjonijiet. B'hekk, meta sitwazzjoni legali ma tkunx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ma

[20] Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/459/KE tas-6 ta' Mejju 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja tal-Komunità lir-Rumanija fuq medda medja ta' żmien (ĠU 2009, L 150, p. 8).

[21] Direttiva 2005/89/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà fil-provvista ta' l-elettriku u ta' l-investiment fl-infrastruttura (ĠU 2006, L 33, p. 22).

[22] Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU 2009, L 211, p. 55).

jkollhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tagħha u d-dispożizzjonijiet tal-Karta invokati ma jistgħux, waħedhom, iservu ta' bażi għal din il-ġurisdizzjoni. F'dan il-każ, l-applikabbiltà tal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta setgħet tiġi kkonstatata biss li kieku l-Artikolu 191(2) TFUE jew id-Direttiva 2005/89 kienu applikabbli. Issa, peress li ma kienx jidher li dawn id-dispożizzjonijiet setgħu japplikaw għat-tilwimiet fil-kawżi prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat inammissibbli d-domanda dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta, moqrija flimkien ma' dawn id-dispożizzjonijiet (punti 30 u 35 sa 40).

Sussegwentement, fir-rigward tal-applikabbiltà tad-Direttiva 2009/72, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, previst fl-Artikolu 3(1) tagħha, jorbot lill-Istati Membri biss meta s-sitwazzjoni nazzjonali inkwistjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Peress li osservat li, f'dan il-każ, is-sitwazzjonijiet inkwistjoni kienu purament interni u li t-taxxi kkonċernati kienu miżuri ta' natura fiskali, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, sa fejn id-Direttiva 2009/72 ma kinitx miżura intiża li tintroduċi approssimizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet fiskali tal-Istati Membri, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni previst fl-Artikolu 3(1) tagħha ma kienx japplika għal-leġiżlazzjoni kkontestata. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fl-assenza ta' kull preċiżazzjoni oħra fid-deċiżjoni tar-rinviju dwar strument ieħor tad-dritt tal-Unjoni implimentat mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, ma setax jitqies li, bl-adozzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni, ir-Renju ta' Spanja kien implimenta d-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li hija ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tagħti risposta għad-domandi dwar din id-direttiva fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta (punti 47, 48, 51 u 53).

**Digriet tas-7 ta' Settembru 2017, Demarchi Gino (C-177/17 u C-178/17, EU:C:2017:656)**

It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet bejn, minn naħa, kredituri li kienu pparteċipaw f'żewġ proċeduri ta' falliment distinti u, min-naħa l-oħra, il-Ministero della Giustizia (il-Ministeru għall-Ġustizzja, l-Italja), u kienet tikkonċerna l-ħlas tas-somom dovuti minn dan tal-aħħar, bħala kumpens xieraq, minħabba t-tul tal-proċeduri ġudizzjarji. Fil-fatt, minħabba li l-imsemmija proċeduri kienu damu għal perijodu eċċessivament twil, dawn il-kredituri ppreżentaw, quddiem il-Corte d'appello di Torino (il-Qorti tal-Appell ta' Torino, l-Italja), rikors intiż sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu mġarrab, fuq il-bażi ta' liġi Taljana. Dik il-qorti laqgħet it-talbiet tagħhom. Ir-rikorrenti mbagħad ippreżentaw, quddiem il-qorti tar-rinviju, rikors intiż sabiex tinkiseb l-eżekuzzjoni tal-obbligi li dawn id-deċiżjonijiet, li kienu kisbu l-awtorità ta' res judicata, kienu imponew fuq l-amministrazzjoni pubblika kkonċernata. Madankollu, ir-rikorrenti ma kinux issodisfaw l-obbligi previsti mil-liġi Taljana, marbuta ma' formalitajiet amministrattivi kumplessi, b'tali mod li l-qorti tar-rinviju kellha tiddikjara r-rikorsi tagħhom inammissibbli.

Peress li kellha dubju dwar il-kompatibbiltà tad-dispożizzjoni tal-liġi Taljana dwar dawn il-formalitajiet mad-dritt għal proċess xieraq stabbilit fil-Karta, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-prinċipju stabbilit fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 47 ("Id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali") tal-Karta, moqri flimkien mal-Artikoli 67, 81 u 82 TFUE, kienx jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li teżiġi li l-persuni li jkunu ġarrbu dannu minħabba t-tul eċċessiv ta' proċedura ġudizzjarja, marbuta ma' suġġett li jaqa' fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, ikollhom iwettqu sensiela ta' operazzjonijiet kumplessi ta' natura amministrattiva sabiex jiksbu l-ħlas tal-kumpens xieraq li l-Istat ikun ġie kkundannat iħallashom, mingħajr ma jkunu jistgħu, sadanittant, iressqu azzjoni ġudizzjarja għall-finijiet ta' eżekuzzjoni u mingħajr ma jkunu jistgħu,

sussegwentement, jitolbu l-kumpens tad-dannu kkawżat minħabba d-dewmien li bih isir l-imsemmi ħlas.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-ġurisprudenza tagħha dwar l-inapplikabbiltà tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, minħabba l-fatt li d-dispożizzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam ikkonċernat ma jimponu ebda obbligu fuq l-Istati Membri fir-rigward tas-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali. F'dan il-każ, hija osservat li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE msemmija mill-qorti tar-rinviju (jiġifieri l-Artikoli 81 u 82 TFUE) ma jimponux fuq l-Istati Membri obbligi speċifiċi fir-rigward tal-irkupru tas-somom dovuti mill-Istat, bħala kumpens xieraq, minħabba t-tul eċċessiv ta' proċedura ġudizzjarja u li, fl-istat attwali tiegħu, id-dritt tal-Unjoni ma fih ebda leġiżlazzjoni speċifika f'dan il-qasam. Mid-diversi elementi eżaminati hija kkonkludiet li ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju (punti 21-25, 28, 29, u d-dispożittiv).

### 2.1.2. Il-kwistjoni tal-invokabbiltà bejn individwi ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Karta

**Sentenzi tas-6 ta' Novembru 2018 (Awla Manja), Bauer u Willmeroth (C-569/16 u C-570/16, EU:C:2018:871) u Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften (C-684/16, EU:C:2018:874)**

F'dawn it-tliet kawżi, f'sitwazzjoni fejn il-leave annwali mħallas ma kienx ittieħed qabel it-tmiem tar-relazzjonijiet ta' xogħol inkwistjoni, l-aventi kawża tal-ħaddiema kkonċernati, minn naħa, u l-ħaddiem ikkonċernat, min-naħa l-oħra, kienu ġew irrifjutati, min-naħa tal-ex persuni rispettivi li jimpjegaw, il-ħlas ta' kumpens finanzjarju fir-rigward tal-imsemmi leave annwali la ma kienx ittieħed. Fl-ewwel żewġ kawżi (Kawżi Bauer u Willmeroth, C-569/16 u C-570/16), M. E. Bauer u M. Broßonn kienu talbu rispettivament lill-belt ta' Wuppertal (il-Ġermanja) u lil V. Willmeroth, bħala l-persuni li kienu jimpjegaw lill-konjuġi tagħhom li mietu, il-benefiċċju ta' kumpens finanzjarju fir-rigward tal-leave annwali mħallas li ma kienx ittieħed minn dawn tal-aħħar qabel il-mewt tagħhom. Fit-tieni kawża (Kawża Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften, C-684/16), T. Shimizu, ex impjegat tal-kumpannija Max-Planck, kien talab lil din tal-aħħar il-ħlas ta' kumpens li jikkorrispondi għall-jiem ta' leave mhux meħuda qabel it-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol tiegħu ma' din il-kumpannija. Issa, konformement mad-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli, id-dritt għal-leave annwali mħallas tal-ħaddiem jintemmu meta jmut il-ħaddiem u meta l-ħaddiem, matul ir-relazzjoni ta' xogħol tiegħu, ma jkunx talab li jieħu l-leave annwali mħallas tiegħu matul il-perijodu ta' referenza li miegħu jkun marbut dan il-leave. F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-dritt għal-leave annwali ma setax jinqaleb fi dritt għal kumpens finanzjarju.

Adita b'dawn id-diversi tilwimiet, il-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja) staqsiet b'mod partikolari, fil-kuntest ta' kull waħda minn dawn il-kawżi, jekk, fil-każ li jkun impossibbli li leġiżlazzjonijiet nazzjonali bħal dawk inkwistjoni f'dawn il-kawżi jiġu interpretati b'mod li tiġi żgurata l-konformità tagħhom mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 [23] u mal-Artikolu 31(2) ("Dritt għal perjodu annwali ta' leave imħallas") tal-Karta, kellux jiġi rrikonoxxut li l-imsemmija dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhom effett dirett, b'tali mod li l-qorti

[23] Direttiva 2003/88KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381). B'mod partikolari, l-Artikolu 7 ta' din id-direttiva jirregola d-dritt ta' kull ħaddiem għal leave annwali mħallas ta' minn tal-inqas erba' ġimgħat.

nazzjonali tkun obbligata tħalli dawn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali mhux applikati. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk tali effett ta' twarrib tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali inkwistjoni setax jirriżulta wkoll fil-kuntest ta' tilwima bejn żewġ individwi, bħalma huwa l-każ fil-kawżi Willmeroth (C-570/16) u Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften (C-304/16).

Dawn il-kawżi qajmu żewġ kwistjonijiet li kienu jikkonċernaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta.

B'hekk, fl-ewwel lok, fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' miżura nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja insistiet fuq l-importanza partikolari li għandu d-dritt għal-leave annwali mħallas mhux biss bħala prinċipju tad-dritt soċjali tal-Unjoni iżda wkoll għaliex huwa rrikonoxxut b'mod espliċitu fl-Artikolu 31(2) tal-Karta. F'dan id-dawl, filwaqt li fakkret li d-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni huma intiżi li japplikaw fis-sitwazzjonijiet kollha rregolati mid-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, peress li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fid-diversi kawżi (parzjalment komuni għaż-żewġ sentenzi) kienet tikkostitwixxi implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/88, l-Artikolu 31(2) tal-Karta kien intiż li japplika għal dawn il-kawżi.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet meħtieġa tieħu pożizzjoni dwar il-portata tal-Artikolu 31(2) tal-Karta. B'mod iktar partikolari, hija kellha tispeċifika jekk din id-dispożizzjoni setgħetx tiġi invokata direttament mill-individwi, kemm fir-rigward ta' persuna pubblika li timpjega u kemm fir-rigward ta' persuna privata li timpjega, sabiex jiksbu mill-qorti nazzjonali, minn naħa, li twarrab il-leġiżlazzjoni kontenzjuża inkwistjoni f'kull kawża u, min-naħa l-oħra, jekk ikun il-każ, li tiżgura li l-aventi kawża tal-ħaddiem li miet jew il-ħaddiem inkwistjoni ma jiġux imċaħħda mill-kumpens finanzjarju fir-rigward tal-leave kweżit iżda mhux meħud, liema kumpens ikun dovut mill-ex persuna li timpjega kkonċernata.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi ddikjarat li, meta jipprovdi, b'mod imperattiv, li "kull ħaddiem" għandu "dritt" "għal perjodu annwali ta' leave imħallas", l-Artikolu 31(2) tal-Karta jirrifletti l-prinċipju essenzjali tad-dritt soċjali li għalih tista' ssir deroga biss b'osservanza tal-kundizzjonijiet stretti previsti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta u, b'mod partikolari, tal-kontenut essenzjali tad-dritt għal-leave annwali mħallas. B'hekk, filwaqt li bbażat ruħha fuq is-sentenza Egenberger [24], il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li d-dritt għal perijodu ta' leave annwali mħallas, stabbilit fl-Artikolu 31(2) tal-Karta, għandu, fir-rigward tal-eżistenza stess tiegħu, natura kemm imperattiva u kemm inkundizzjonata, sa fejn l-eżistenza tiegħu ma teħtieġx li tiġi kkonkretizzata permezz ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni jew tad-dritt nazzjonali, li huma meħtieġa biss jispeċifikaw it-tul preċiż tal-leave annwali. B'hekk, minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li l-imsemmija dispożizzjoni hija suffiċjenti, waħedha, sabiex tagħti lill-ħaddiema dritt invokabbli bħala tali f'tilwima bejnhom u l-persuna li timpjegahom f'sitwazzjoni koperta mid-dritt tal-Unjoni li taqa', għaldaqstant, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li dan l-istess Artikolu 31(2) tal-Karta jwassal sabiex, fir-rigward ta' sitwazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, il-qorti nazzjonali jkollha tħalli mhux applikati l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali bħal dawk inkwistjoni f'dawn iż-żewġ kawżi (Kawża Bauer u Willmeroth, C-569/16 u C-570/16, punti 84 sa 86) (Kawża Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften, C-684/16, punti 73 sa 75).

[24] Sentenza tas-17 ta' April 2018, Egenberger (C-414/16, EU:C:2018:257).

Sussegwentement, fir-rigward tal-effett li għandu l-Artikolu 31(2) tal-Karta fir-rigward tal-persuni li jimpjegaw li għandhom il-kwalità ta' individwu, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, għalkemm l-Artikolu 51(1) tal-Karta jispeċifika li d-dispożizzjonijiet tagħha huma indirizzati lill-istituzzjonijiet, lill-korpi u lill-organi tal-Unjoni b'osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, kif ukoll lill-Istati Membri biss meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, l-imsemmi Artikolu 51(1) ma jindirizzax, għall-kuntrarju, il-kwistjoni ta' jekk tali individwi jistgħux, jekk ikun il-każ, ikunu marbuta direttament josservaw ċerti dispożizzjonijiet tal-Karta u għalhekk ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jeskludi sistematikament tali eventwalità. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, fil-każ li jkun impossibbli li leġiżlazzjonijiet nazzjonali bħal dawk inkwistjoni f'dawn id-diversi kawżi jiġu interpretati b'mod li tiġi żgurata l-konformità tagħhom mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u mal-Artikolu 31(2) tal-Karta, il-qorti nazzjonali għandha tiżgura wkoll li l-aventi kawża tal-ħaddiem li miet jew tal-ħaddiem inkwistjoni ma jiġux imċaħħda mill-kumpens finanzjarju fir-rigward tal-leave kweżit u mhux meħud, kumpens dan li għandu jitħallas mill-ex persuna li timpjega kkonċernata. Tali obbligu jaqa' fuq il-qorti nazzjonali bis-saħħa tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u tal-Artikolu 31(2) tal-Karta meta t-tilwima tkun bejn individwu u persuna li timpjega li jkollha l-kwalità ta' awtorità pubblika u, skont it-tieni waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet, meta t-tilwima tkun bejn individwu u persuna li timpjega li jkollha l-kwalità ta' individwu (Kawża Bauer u Willmeroth, C-569/16 u C-570/16, punti 87 sa 92, u d-dispożittiv 2) [25] (Kawża Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften, C-684/16, punti 76 sa 81 u d-dispożittiv 2) [26].

## 2.2 Ostakolu jew restrizzjoni għal dritt tal-Unjoni jew ċaħda mit-tgawdija effettiva tiegħu

### Sentenza tat-30 ta' April 2014, Pfleger et (C-390/12, EU:C:2014:281)

F'din il-kawża kienu inkwistjoni erba' tilwimiet marbuta mal-fatt li, wara verifiki mwettqa f'diversi postijiet fl-Awstrija, ġew elevati taħt titolu kawtelatorju magni tal-logħob, li tqiesu li kienu jservu għall-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard ipprojbit. Fil-fatt, dawn il-magni kienu qed jiġu operati mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet amministrattivi, kundizzjoni meħtieġa mil-Liġi Federali Awstrijaka dwar il-Logħob tal-Ażżard (Glücksspielgesetz, BGBl. 620/1989).

L-Unabhängiger Verwaltungssenat des Landes Oberösterreich (l-Awla Amministrattiva Indipendenti tal-Land ta' Oberösterreich, l-Awstrija), li ġiet adita b'dawn it-tilwimiet, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà ta' din is-sistema mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ggarantita mill-Artikolu 56 TFUE, kif ukoll mal-Artikoli 15 sa 17, 47 u 50 tal-Karta. Fil-fatt, hija qieset, b'mod partikolari, li l-awtoritajiet Awstrijaċi la kienu wrew li l-kriminalità u/jew il-vizzju tal-logħob kienu jikkostitwixxu effettivament, matul il-perijodu inkwistjoni, problema kunsiderevoli, u lanqas ma kienu wrew li l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-protezzjoni tal-lagħba – u mhux is-sempliċi massimizzazzjoni tad-dħul tal-Istat – kienu jikkostitwixxu l-veru għan tas-sistema ta' monopolju fuq il-logħob tal-ażżard.

Fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, diversi gvernijiet nazzjonali sostnew li l-Karta ma kinitx applikabbli għall-każ ineżami għaliex il-qasam tal-logħob tal-ażżard ma kienx

[25] Din is-sentenza ġiet ippreżentata fir-Rapport Annwali tal-2018, p. 18.
[26] Din is-sentenza ġiet ippreżentata fir-Rapport Annwali tal-2018, p. 17 u 18.

armonizzat u għaliex, għaldaqstant, il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar dan il-qasam ma kinux jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li, meta jirriżulta li leġiżlazzjoni nazzjonali tkun ta' natura li tostakola l-eżerċizzju ta' waħda jew iktar mil-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat u meta Stat Membru jinvoka raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali sabiex jispjegaha, din il-leġiżlazzjoni ma tistax tibbenefika mill-eċċezzjonijiet previsti mid-dritt tal-Unjoni sabiex jiġi ġġustifikat dan l-ostakolu, ħlief sa fejn dan ikun konformi mad-drittijiet fundamentali li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura r-rispett tagħhom. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan l-obbligu ta' konformità mad-drittijiet fundamentali jaqa' manifestament fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u, għaldaqstant, f'dak tal-Karta. Għaldaqstant, l-użu, minn Stat Membru, ta' eċċezzjonijiet previsti mid-dritt tal-Unjoni sabiex jiġi ġġustifikat ostakolu għal libertà fundamentali ggarantita mit-Trattat għandu, għalhekk, jitqies li "jimplimenta d-dritt tal-Unjoni", fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.

Għalhekk, il-Karta kienet applikabbli f'dan il-każ. Fil-fatt, is-sistema stabbilita fl-Awstrija fil-qasam tal-logħob tal-ażżard kienet tikkostitwixxi effettivament restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ggarantita mill-Artikolu 56 TFUE. Barra minn hekk, sabiex tkun iġġustifikata din is-sistema, kienu ġew invokati l-għanijiet tal-protezzjoni tal-lagħba u tal-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta ma' dan il-logħob, li huma raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja bħala raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw restrizzjonijiet għal-libertajiet fundamentali fis-settur tal-logħob tal-ażżard. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li eżami tar-restrizzjoni li tirrappreżenta din il-leġiżlazzjoni nazzjonali taħt l-Artikolu 56 TFUE kien ikopri wkoll l-eventwali restrizzjonijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet previsti fil-Karta, filwaqt li kkonkludiet li ma kienx meħtieġ eżami separat f'dan ir-rigward (punti 35, 36, 39, 42 u 60) [27].

**Sentenzi tat-13 Settembru 2016 (Awla Manja), Rendón Marín (C-165/14, EU:C:2016:675) u CS (C-304/14, EU:C:2016:674)**

Minħabba li kellhom preċedenti kriminali, żewġ ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-Unjoni kienu ġew innotifikati, rispettivament, b'rifjut ta' permess ta' residenza u b'deċiżjoni ta' tkeċċija mill-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti li tiegħu kellhom in-nazzjonalità l-ulied minuri tagħhom, li kienu taħt il-kustodja tagħhom u li kellhom iċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Fl-ewwel kawża (Kawża Rendón Marín, C-165/14), ir-rikorrent kien missier żewġ ulied minuri, tifel ta' nazzjonalità Spanjola u tifla ta' nazzjonalità Pollakka, li kienu taħt il-kustodja esklużiva tiegħu u li kienu rrisjedew dejjem fi Spanja. Fit-tieni kawża (Kawża CS, C-304/14), il-persuna kkonċernata kienet l-omm ta' minuri ta' nazzjonalità Brittanika li kien jirrisjedi magħha fir-Renju Unit u li tiegħu kellha l-kustodja esklużiva.

Aditi b'dawn it-tilwimiet, il-qrati tar-rinviju (rispettivament, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) u l-Upper Tribunal (il-Qorti Superjuri, ir-Renju Unit)) staqsew lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk l-eżistenza ta' preċedenti kriminali setgħetx, waħedha, tiġġustifika r-rifjut ta' dritt ta' residenza jew it-tkeċċija ta' ċittadin ta' pajjiż terz għall-Unjoni li jkollu l-kustodja esklużiva ta' ċittadin minuri tal-Unjoni.

[27] Din is-sentenza ġiet ippreżentata fir-Rapport Annwali tal-2014, p. 37.

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett spjegat li d-Direttiva 2004/38 dwar il-libertà ta' moviment u ta' residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom [28] kienet tapplika biss għaċ-ċittadini tal-Unjoni u għall-membri tal-familja tagħhom li jmorru jew li jgħixu fi Stat Membru differenti minn dak li tiegħu jkollhom in-nazzjonalità. B'hekk, fiż-żewġ każijiet ineżami, kienu biss ir-rikorrent fl-ewwel kawża u bintu Pollakka li setgħu jibbenefikaw minn dritt ta' residenza skont din id-direttiva. Għalkemm id-Direttiva kienet tapplika biss għas-sitwazzjoni ta' wieħed biss minn dawn l-ulied, it-tliet ulied ikkonċernati minn dawn iż-żewġ kawżi setgħu, għall-kuntrarju, jinvokaw, taħt l-Artikolu 20 TFUE u fuq il-bażi biss tal-istatus tagħhom bħala ċittadini tal-Unjoni, id-drittijiet marbuta ma' dan l-istatus (li jinkludu b'mod partikolari d-dritt ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri).

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li kien hemm sitwazzjonijiet ferm partikolari fejn, minkejja l-fatt li d-dritt sekondarju dwar id-dritt ta' residenza taċ-ċittadini ta' Stati terzi ma jkunx applikabbli u minkejja li ċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernat ma jkunx uża l-libertà ta' moviment tiegħu, xorta waħda jkollu jiġi rrikonoxxut dritt ta' residenza lil ċittadin ta' Stat terz, li jkun membru tal-familja ta' dan iċ-ċittadin, għaliex inkella jkun hemm ksur tal-effett utli taċ-ċittadinanza tal-Unjoni jekk, bħala konsegwenza tar-rifjut ta' tali dritt, l-imsemmi ċittadin ikun obbligat, fil-fatt, li jitlaq mit-territorju tal-Unjoni kkunsidrat fl-intier tiegħu, u b'hekk ikun imċaħħad mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija minn dan l-istatus. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali sitwazzjonijiet huma fil-fatt ikkaratterizzati mill-fatt li, minkejja li huma rregolati mil-leġiżlazzjonijiet li jaqgħu a priori fil-kompetenza tal-Istati Membri, jiġifieri dawk dwar id-dritt ta' dħul u ta' residenza taċ-ċittadini ta' Stati terzi lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt sekondarju, dawn is-sitwazzjonijiet għandhom madankollu rabta intrinsika mal-libertà ta' moviment u ta' residenza ta' ċittadin tal-Unjoni, rabta din li tipprekludi li dan id-dritt ta' dħul u ta' residenza jiġi rrifjutat lill-imsemmija ċittadini fl-Istat Membru fejn jirrisjedi dan iċ-ċittadin, sabiex b'hekk ma tiġix ippreġudikata din il-libertà. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li t-tliet ulied ikkonċernati minn dawn iż-żewġ kawżi, bħala ċittadini tal-Unjoni, kienu jibbenefikaw mid-dritt li jiċċaqilqu u li jirrisjedu b'mod liberu fit-territorju tal-Unjoni, u li kwalunkwe limitazzjoni ta' dan id-dritt kienet għalhekk taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, peress li ż-żewġ sitwazzjonijiet inkwistjoni setgħu potenzjalment iwasslu, jekk il-ġenituri ċittadini ta' Stati terzi għall-Unjoni jkollhom jitilqu mit-territorju tal-Unjoni, għat-tluq konsekuttiv tal-ulied tagħhom, dawn is-sitwazzjonijiet setgħu jimplikaw, għal dawn it-tliet ulied, iċ-ċaħda mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija lilhom mill-istatus tagħhom bħala ċittadini tal-Unjoni. Għaldaqstant, dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

Fl-aħħar nett, f'dawn iż-żewġ sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Artikolu 20 TFUE ma jaffettwax il-possibbiltà għall-Istati Membri li jinvokaw eċċezzjoni marbuta, b'mod partikolari, maż-żamma tal-ordni pubbliku u mal-protezzjoni tas-sigurtà pubblika. Hija madankollu indikat ukoll li, sa fejn iż-żewġ sitwazzjonijiet kienu jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni, l-evalwazzjoni, mill-qrati tar-rinviju, ta' dawn is-sitwazzjonijiet kellha tieħu inkunsiderazzjoni d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, kif stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta, liema artikolu għandu jinqara flimkien mal-obbligu li jittieħed inkunsiderazzjoni l-aħjar interess tal-wild, irrikonoxxut fl-Artikolu 24(2) tal-

[28] Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

Karta (Kawża Rendón Marín, C-165/14, punti 74 sa 81 u 85) (Kawża CS, C-304/14, punti 29 sa 33, 36 u 48).

**Sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Trasparenza assoċjattiva) (C-78/18, EU:C:2020:476)**

Fl-2017, l-Ungerija kienet adottat liġi ppreżentata bħala li kienet intiża li tiżgura t-trasparenza tal-organizzazzjonijiet ċivili li jirċievu donazzjonijiet li joriġinaw minn barra l-pajjiż (il-Liġi Nru LXXVI tal-2017 dwar it-Trasparenza tal-Organizzazzjonijiet li Jirċievu Għajnuna minn Barra l-Pajjiż). Skont din il-liġi, dawn l-organizzazzjonijiet kellhom jirreġistraw ruħhom quddiem il-qrati Ungeriżi bħala "organizzazzjonijiet li jirċievu għajnuna minn barra l-pajjiż" meta l-ammont tad-donazzjonijiet li jkunu rċevew u li joriġinaw minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi f'sena jaqbeż limitu speċifikat. Meta jirreġistraw ruħhom, dawn l-organizzazzjonijiet kellhom jindikaw ukoll, b'mod partikolari, l-isem tad-donaturi li l-għajnuna tagħhom kienet tilħaq jew taqbeż is-somma ta' HUF 500 000 (madwar EUR 1 400) u l-ammont eżatt tal-għajnuna. Din l-informazzjoni kienet sussegwentement tiġi ppubblikata fuq pjattaforma elettronika pubblika aċċessibbli mingħajr ħlas. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet ċivili kkonċernati kellhom isemmu, fis-sit internet tagħhom u fil-pubblikazzjonijiet kollha tagħhom, li huma jikkostitwixxu "organizzazzjoni li tirċievi għajnuna minn barra l-pajjiż".

Il-Kummissjoni akkużat lill-Ungerija li naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 63 TFUE (li jistabbilixxi l-libertà ta' moviment tal-kapital) kif ukoll taħt l-Artikoli 7 ("Ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja"), 8 ("Il-protezzjoni tad-data personali") u 12 ("Il-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni") tal-Karta billi imponiet, bl-adozzjoni ta' din il-liġi, tali obbligi ta' reġistrazzjoni, ta' dikjarazzjoni u ta' pubbliċità fuq ċerti kategoriji ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jibbenefikaw minn għajnuna minn barra l-pajjiż li taqbeż ċertu livell, u billi tipprevedi l-possibbiltà ta' sanzjonijiet kontra l-organizzazzjonijiet li ma josservawx dawn l-obbligi. Insostenn ta' din il-leġiżlazzjoni, l-Ungerija invokat, min-naħa tagħha, diversi għanijiet marbuta mat-tkabbir tat-trasparenza tal-finanzjament tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, mal-protezzjoni tal-ordni pubbliku u tas-sigurtà pubblika permezz tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata.

Fir-rigward tal-applikabbiltà tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, meta Stat Membru jsostni li miżura li tagħha jkun l-awtur, u li tillimita libertà fundamentali ggarantita mit-Trattat FUE, tkun iġġustifikata fuq il-bażi ta' dan it-trattat jew minħabba raġuni imperattiva ta' interess ġenerali rrikonoxxuta mid-dritt tal-Unjoni, tali miżura għandha titqies li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, b'tali mod li tali miżura għandha tkun konformi mad-drittijiet fundamentali stabbiliti f'din tal-aħħar (punt 101).

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni kienet tikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital, li hija pprojbita mill-Artikolu 63 TFUE, u li l-Ungerija kienet qiegħda tinvoka l-eżistenza ta' raġuni imperattiva ta' interess ġenerali kif ukoll raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 65 TFUE sabiex tiġġustifika din ir-restrizzjoni. Għaldaqstant, hija ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi kellhom ikunu konformi mal-Karta, rekwiżit li jimplika li l-imsemmija dispożizzjonijiet ma għandhomx jintroduċu limitazzjonijiet għad-drittijiet u għal-libertajiet stabbiliti mill-Karta jew, jekk dan ikun il-każ, li dawn il-limitazzjonijiet ikunu ġġustifikati fir-rigward tar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk iddeċidiet li kellu jiġi

eżaminat jekk dawn id-dispożizzjonijiet kinux jillimitaw id-drittijiet protetti mill-Artikoli 7, 8 u 12 tal-Karta u, fl-affermattiv, jekk dawn kinux xorta waħda ġġustifikati (punti 102 sa 104).

**Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Edukazzjoni għolja), (C-66/18, EU:C:2020:792)**

Il-Kummissjoni kienet qiegħda tikkritika lill-Ungerija li naqset milli twettaq l-obbligi tagħha, b'mod partikolari, taħt l-Artikolu XVII tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (iktar 'il quddiem il-"GATS") [29], taħt l-Artikoli 49 u 56 TFUE, u taħt l-Artikolu 13 ("Il-libertà ta' l-arti u x-xjenzi"), taħt l-Artikolu 14(3) ("Il-libertà li jiġu mwaqqfa stabbilimenti ta' tagħlim"), u taħt l-Artikolu 16 ("Il-libertà ta' intrapriża") tal-Karta billi ssuġġettat l-eżerċizzju, fl-Ungerija, ta' attività ta' taħriġ li jwassal għal diploma mill-istabbilimenti ta' edukazzjoni għolja barranin li jinsabu barra miż-Żona Ekonomika Ewropea għall-kundizzjoni doppja li l-Gvern Ungeriż u l-Gvern tal-Istat tas-sede tal-istabbiliment ikkonċernat ikunu marbuta b'konvenzjoni internazzjonali u li l-imsemmija stabbilimenti jipprovdu taħriġ ta' edukazzjoni għolja fl-Istat tas-sede tagħhom. Sabiex tiġġustifika din il-leġiżlazzjoni li kienet tikkostitwixxi l-implimentazzjoni tal-Artikolu XVII tal-GATS, l-Ungerija invokat b'mod partikolari raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali marbuta mal-prevenzjoni tal-prattiki qarrieqa tal-istabbilimenti ta' edukazzjoni għolja u mal-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli fil-kwalità tal-edukazzjoni għolja.

Fir-rigward tal-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fir-rigward tal-azzjoni tal-Istati Membri, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta huwa ddefinit fl-Artikolu 51(1) tagħha, li jipprovdi li d-dispożizzjonijiet tal-Karta jiġu indirizzati lill-Istati Membri biss "meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni". F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-GATS jagħmel parti mid-dritt tal-Unjoni. B'hekk, minn naħa, meta jeżegwixxu l-obbligi li joħorġu mill-GATS, l-Istati Membri għandhom jitqiesu li jkunu qegħdin jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, min-naħa l-oħra, li, meta Stat Membru jsostni li miżura li jkun l-awtur tagħha u li tillimita libertà fundamentali ggarantita mit-Trattat FUE tkun iġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali rrikonoxxuta mid-dritt tal-Unjoni, tali miżura għandha titqies li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, b'tali mod li għandha tkun konformi mad-drittijiet fundamentali stabbiliti f'din tal-aħħar. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-miżuri kontenzjużi kellhom ikunu konformi mad-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta. Peress li kienet diġà kkonstatat li l-Ungerija kienet invokat għanijiet ta' interess ġenerali sabiex tiġġustifika dawn il-limitazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li kellu jiġi eżaminat jekk dawn il-miżuri kinux jillimitaw id-drittijiet fundamentali invokati mill-Kummissjoni u, fl-affermattiv, jekk dawn kinux xorta waħda ġġustifikati mir-raġunijiet invokati mill-Ungerija (punti 212 sa 216).

[29] Il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) huwa anness mal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). Il-Ftehim li jistabbilixxi l-WTO ġie ffirmat mill-Unjoni, u mbagħad approvat minnha, fit-22 ta' Diċembru 1994, permezz tad-Deċiżjoni 94/800/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 80). L-Artikolu XVII tal-GATS, intitolat "Trattament Nazzjonali", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li, "[f]is-setturi imsemmija fl-Iskeda, bla ħsara għal xi kondizzjonijiet jew kwalifiċi imsemmija fiha, kull Membru għandu jħalli lil servizzi jew fornituri ta' servizzi ta' Membri oħrajn, fejn jidħlu miżuri li jaffettwaw il-provvista tas-servizzi, trattament mhux inqas favorevoli minn dak li jħalli għal servizzi u fornituri tas-servizzi simili tiegħu stess".

# III. Kawżi li fihom il-qorti tar-rinviju ma stabbilixxietx rabta ta' konnessjoni mad-dritt tal-Unjoni

**Sentenza tat-8 ta' Mejju 2014, Pelckmans Turnhout (C-483/12, EU:C:2014:304)**

Fil-kuntest tat-tilwima fil-kawża prinċipali, kumpannija tal-ġardinaġġ Belġjana kienet talbet li titwaqqaf il-prassi ta' diversi kumpanniji kompetituri li jiftħu l-ħwienet tagħhom għall-pubbliku għal sebat ijiem fil-ġimgħa meta l-liġi Belġjana kienet timponi jum ta' mistrieħ fil-ġimgħa. Il-kumpanniji kompetituri qiesu, min-naħa tagħhom, li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni kienet kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni.

Adita bil-kawża, ir-rechtbank van koophandel te Antwerpen (il-Qorti Kummerċjali ta' Antwerpen, il-Belġju) għamlet, minn naħa, domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, għar-risposta tagħha, id-digriet tal-4 ta' Ottubru 2012, Pelckmans Turnhout, C-559/11, EU:C:2012:615) u, min-naħa l-oħra, domanda dwar il-kostituzzjonalità lill-Grondwettelijk Hof (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Belġju). Din tal-aħħar iddeċidiet, min-naħa tagħha, li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, sa fejn il-leġiżlazzjoni kontenzjuża kienet tipprevedi eċċezzjonijiet u ma kinitx tapplika għall-kummerċjanti kollha, dik il-qorti kellha dubju dwar il-kompatibbiltà tagħha mal-prinċipji ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni, stabbiliti b'mod partikolari fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta. Hija għalhekk talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta dawn l-artikoli, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 15 ("Il-libertà professjonali u dritt għax-xogħol") u tal-Artikolu 16 ("Il-libertà ta' intrapriża") tal-Karta, kif ukoll tal-Artikoli 34 sa 36 TFUE (dwar il-moviment liberu tal-merkanzija), u tal-Artikoli 56 u 57 TFUE (dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi).

Min-naħa tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tinterpreta d-dispożizzjonijiet iċċitati tal-Karta ma kinitx stabbilita f'dan il-każ. Biex waslet għal din il-konklużjoni hija fakkret, l-ewwel nett, li, konformement mal-Artikolu 94(c) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, talba għal deċiżjoni preliminari għandha tinkludi espożizzjoni tar-raġunijiet li wasslu lill-qorti tar-rinviju sabiex ikollha dubji dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll il-konnessjoni li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni. Din l-espożizzjoni, l-istess bħall-espożizzjoni tal-fatti rilevanti, meħtieġa mill-Artikolu 94(a) ta' dawn ir-Regoli, għandha fil-fatt tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tivverifika, minbarra l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari, il-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tirrispondi għad-domanda magħmula. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, f'dan il-każ, li d-deċiżjoni tar-rinviju ma kienet tinkludi ebda element konkret li jippermetti li jitqies li s-sitwazzjoni legali inkwistjoni kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li hija kundizzjoni meħtieġa sabiex Stat Membru jkun jista' jitlob l-interpretazzjoni tal-Karta. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, id-deċiżjoni tar-rinviju bl-ebda mod ma tistabbilixxi li t-tilwima kellha elementi ta' konnessjoni ma' waħda mis-sitwazzjonijiet previsti fid-dispożizzjonijiet tat-Trattat imsemmija mill-qorti tar-rinviju (punti 16, 20, 22, 23, 26, 27, u d-dispożittiv).

**Digriet tal-15 ta' Mejju 2019, Corte dei Conti et (C-789/18 u C-790/18, mhux ippubblikat, EU:C:2019:417)**

It-tilwimiet fil-kawżi prinċipali kienu jikkonċernaw żewġ membri tal-Corte dei Conti (il-Qorti tal-Awdituri, l-Italja) li kienu jirċievu, minbarra r-remunerazzjoni tagħhom bħala membri tal-ġudikatura, ħlasijiet fir-rigward ta' attività preċedenti eżerċitata fis-servizz ta' entitajiet Statali. Ir-remunerazzjoni tagħhom bħala membri tal-ġudikatura kienet tnaqqset sa fejn, flimkien ma' dawn il-ħlasijiet, din ir-remunerazzjoni kienet taqbeż il-livell massimu previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni.

It-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Reġjonali Amministrattivi għal-Lazio, l-Italja), adita b'dawn it-tilwimiet, kellha dubju dwar il-kompatibbiltà ta' tali leġiżlazzjoni ma' diversi dispożizzjonijiet tat-Trattat UE u tat-Trattat FUE, mal-Artikolu 15 ("Il-libertà professjonali u dritt għax-xogħol"), mal-Artikolu 20 ("L-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi"), l-Artikolu 21 ("Non-diskriminazzjoni") u l-Artikolu 31 ("Kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa") tal-Karta kif ukoll mal-Artikoli 3, 5 sa 7, 10 u 15 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-qorti tar-rinviju osservat li ma setax jiġi eskluż li ċittadini ta' Stati Membri oħra jistgħu jiġu suġġetti għal din il-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-kuntest ta' impjiegi li ma jinvolvux l-awtorità pubblika.

Filwaqt li fakkret ir-rekwiżiti tal-kontenut tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari previsti b'mod partikolari fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett osservat li l-elementi tat-tilwimiet fil-kawżi prinċipali kienu jidhru li kienu limitati kollha fi ħdan Stat Membru wieħed. Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Artikolu 45 TFUE ma setax jagħti drittijiet lir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, sa fejn din id-dispożizzjoni ma tapplikax għall-impjiegi fl-amministrazzjoni pubblika jew għal attivitajiet li ma jkollhom ebda fattur ta' konnessjoni ma' xi waħda mis-sitwazzjonijiet previsti fid-dritt tal-Unjoni u li l-elementi kollha tagħha jkunu limitati għal Stat Membru wieħed. Filwaqt li kkonstatat li l-qorti tar-rinviju ma kinitx indikat kif, minkejja n-natura purament interna tagħhom, it-tilwimiet kellhom element ta' rabta mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà ta' moviment tal-ħaddiema, li kienet tagħmel l-interpretazzjoni preliminari mitluba neċessarja għas-soluzzjoni ta' dawn it-tilwimiet, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset ukoll li din l-istess qorti tar-rinviju ma kinitx speċifikat ir-raġunijiet li kienu wassluha sabiex ikollha dubji dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat UE, tat-Trattat FUE u tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u lanqas ma kienet speċifikat ir-rabta li hija kienet tara bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli fit-tilwimiet li kienu tressqu quddiemha.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Karta msemmija fid-domandi preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-ġurisprudenza stabbilita tagħha fis-sens li, meta sitwazzjoni legali ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tagħha u d-dispożizzjonijiet tal-Karta eventwalment invokati ma jistgħux, waħedhom, iservu ta' bażi għal din il-ġurisdizzjoni. Għaldaqstant, sa fejn la l-Artikolu 45 TFUE u lanqas id-dispożizzjonijiet l-oħra msemmija fid-domandi preliminari ma kienu applikabbli, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li ma kienx jidher li dawn it-tilwimiet kienu jikkonċernaw leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, u għalhekk iddikjarat it-talbiet għal deċiżjoni preliminari inammissibbli (punti 17 sa 22, 24, 26 sa 30 u d-dispożittiv).

**Digriet tat-30 ta' April 2020, Marvik Pastrogor u Rodes - 08 (C-818/19 u C-878/19, mhux ippubblikat, EU:C:2020:314)**

Fil-kuntest tat-tilwimiet fil-kawżi prinċipali, żewġ kumpanniji Bulgari li jipproduċu enerġija rinnovabbli kienu ppreżentaw rikorsi kontra l-Istat Bulgaru sabiex jiksbu r-rimbors ta' taxxa fuq il-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli. Fil-fatt, il-liġi li kienet tipprevedi l-imsemmija taxxa kienet ġiet iddikjarata inkompatibbli mal-kostituzzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali Bulgara. Insostenn tar-rikorsi tagħhom, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali sostnew li din it-taxxa kienet inġabret bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari tad-Direttiva 2009/28 [30], tal-Artikolu 16 ("Il-libertà ta' intrapriża") u tal-Artikolu 17 ("Id-dritt għall-proprjetà") tal-Karta.

Il-qrati tar-rinviju, il-Varhoven kasatsionen sad (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, il-Bulgarija) fil-kawża Marvik Pastrogor (C-818/19) u s-Sofiyski Rayonen sad (il-Qorti Distrettwali ta' Sofija, il-Bulgarija) fil-kawża Rodes - 08 (C-878/19), peress li osservaw li l-Qorti Kostituzzjonali Bulgara kienet ivverifikat biss il-kostituzzjonalità tal-imsemmija taxxa u mhux il-kompatibbiltà tagħha mad-dritt tal-Unjoni, għalhekk staqsew lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk id-dritt tal-Unjoni kellux jiġi interpretat bħala li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi taxxa fuq il-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

Fir-rigward, l-ewwel nett, tal-interpretazzjoni tad-Direttiva 2009/28, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat, minn naħa, li d-dispożizzjonijiet tagħha ma jipprojbixxux lill-Istati Membri milli jistabbilixxu taxxa fuq il-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li din id-direttiva, li ma hijiex miżura marbuta mal-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet fiskali tal-Istati Membri, ma tistax tapplika għal leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi tali taxxa.

Fir-rigward, sussegwentement, tal-interpretazzjoni tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-dispożizzjonijiet tagħha huma indirizzati lill-Istati Membri biss meta dawn ikunu qegħdin jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni huma intiżi li japplikaw fis-sitwazzjonijiet kollha rregolati mid-dritt tal-Unjoni, iżda mhux lil hinn minn tali sitwazzjonijiet. B'hekk, meta sitwazzjoni legali nazzjonali ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tagħha u d-dispożizzjonijiet tal-Karta eventwalment invokati ma jistgħux, waħedhom, iservu ta' bażi għal din il-ġurisdizzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-applikabbiltà tal-Artikoli 16 u 17 tal-Karta għat-tilwimiet fil-kawżi prinċipali tista' tiġi kkonstatata biss jekk id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni identifikati mill-qrati tal-Unjoni li ma jkunux dispożizzjonijiet tal-Karta jkunu applikabbli. Issa, f'dan il-każ, fl-ewwel lok, is-sitwazzjonijiet inkwistjoni huma purament interni peress li ma għandhom ebda element transkonfinali. Fit-tieni lok, ġie kkonstatat li d-Direttiva 2009/28 ma tapplikax għal-leġiżlazzjoni inkwistjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fl-assenza ta' kull preċiżazzjoni oħra fid-deċiżjoni tar-rinviju dwar strument ieħor tad-dritt tal-Unjoni implimentat minn din il-leġiżlazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma setax jitqies li r-Repubblika tal-Bulgarija implimentat id-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li manifestament ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi preliminari sa fejn jikkonċernaw l-interpretazzjoni tal-Artikoli 16 u 17 tal-Karta (punti 45, 50 sa 53, 55 sa 58, 60 u d-dispożittiv 2).

30 Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU 2009, L 140, p. 16).